MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 320/1999/1

**George Grixti**

**vs**

**Josephine Micallef u Mary Carmen Mangion
f'isimhom proprju u bhala unici eredi
tal-mejjet Crispino Mangion**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

## IR-RIKORS PROMOTORJU

1. Ir-rikorrent George Grixti b'rikors prezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili ppremetta illi b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar 1990 fil-kawza fl-ismijiet "George Grixti vs Crispino Mangion" (Citaz. Nru. 547/88MB) dik il-Qorti llikwidat id-danni dovuti lir-rikorrent ghall-okkupazzjoni indebita tal-fond Numru 77 South Street Valletta bir-rata ta' Lm1003.00 fis-sena cioe` zewg liri u erbgha u sebghin centezmu (Lm2.74) kuljum mis-26 ta' Mejju 1998 sad-data li effettivament ir-rikorrent jiehu l-pussess ta' l-imsemmi fond li huwa ha fit-30 ta' Settembru 1998 kif skond sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Gunju 1998 moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Chatlani vs Grixti" – somma totali ta' ghaxart elef tliet mija tmienja u hamsin lira u tmenin centezmu (Lm10,358.80).

Illi peress li kienu ghaddew aktar minn hames snin mill-gurnata li s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi esegwita l-esponenti talab illi dik il-Qorti tirrendi esekuttiva l-istess sentenza skond il-ligi.

## IR-RISPOSTA TA' L-INTIMATI

2. L-intimati b'risposta minnhom prezentata ssottomettew illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda stante illi s-sentenza fl-ismijiet "George Grixti vs Crispino Mangion" (Citaz Nru 547/88MB) deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Frar 1990, ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur limitatament is-somma ta' elfejn hames mija u seba' u ghoxrin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm2527.74) inkluz l-imghax. Dan l-ammont gie mhallas mill-esponenti; fil-fatt mill-premessi tar-rikors promotur jirrizulta li r-rikorrent m'huwiex jippretendi l-hlas ta' dan l-ammont. Jinghad ukoll li r-rikorrent kien qabel ma sar il-hlas hareg Mandat ta' Sekwestru (Numru 1713/90) li sussegwentement gie revokat permezz ta' kontro-mandat Numru 972/91 fl-ismijiet "George Grixti vs Crispino Mangion" (Dok A).

Ghalhekk m'hemmx lok li s-sentenza precitata tigi reza ezegwibbli.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b'decizjoni moghtija fit-2 ta' Frar 2000, iddecidiet billi cahdet ir-rikors u b'hekk laqghet ir-risposta ta' l-intimati.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**L-APPELL TAR-RIKORRENT GEORGE GRIXTI**

4. Ir-rikorrent hass ruhu aggravat b'dik id-decizjoni u ghalhekk appella minnha a bazi ta' l-aggravji segwenti:

Illi l-appellant qieghed jitlob bir-rikors promotorju illi s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-20 ta' Frar 1990 fl-ismijiet "George Grixti vs Crispino Mangion" tigi reza esekuttiva a tenur ta' l-Art 258 u 259 tal-Kap. 12 in kwantu l-istess sentenza illikwidat id-danni ghall-okkupazzjoni indebita tal-fond Numru 77 bir-rata ta' Lm1003.00 fis-sena mis-26 ta' Mejju 1988 sad-data li effettivament l-esponent jiehu pussess ta' dan il-fond.

Illi kif jirrizulta mill-atti tar-rikors l-appellant ha pussess tal-fond lokat fit-30 ta' Settembru 1998.

Illi ghalhekk l-ammont dovut ghall-perjodu 26 ta' Mejju 1988 – 30 ta' Settembru 1998 jammonta ghas-somma ta' Lm10,357.00.

Illi l-istess appellati jammettu illi dawn id-danni gew effettivament likwidati pero` qeghdin isostnu illi dawn huma danni futuri u ghalhekk kontra l-ligi.

Illi l-ewwel Qorti iddecidiet illi l-esponent ghandu jintavola proceduri "ex novo" billi l-esponent ma talabx li tigi esegwita din il-parti tas-sentenza cioe` riferibilment ghall-fond 77 South Street, Valletta.

Illi dan huwa skorrett peress kif jidher car mill-ewwel paragrafu tar-rikors tieghu l-appellant talab l-esekuzzjoni ta' dik il-parti tas-sentenza riferibbli ghall-fond Nru 77 u mhux 76 ghaliex id-danni ta' dan l-ahhar fond kienu gew imhallsa.

Illi inoltre dik l-istess Qorti qalet ukoll illi dik il-parti biss tas-sentenza riferibbli ghall-fond 76 li tifforma "res judiciata".

Hawn wiehed jistaqsi allura l-parti l-ohra riferibbli ghall-fond 77 x'tikkostitwixxi?

Illi fl-umli opinjoni ta' l-esponent dik is-sentenza tifforma gudikat u torbot lill-partijiet "quid unim" cioe` fit-totalita` taghha.

L-awtur ta' l-appellati ghazel li ma jappellax minn dik is-sentenza u ghalhekk m'hemmx dubju illi llum tifforma gudikat.

Illi l-Artikolu 253 tal-Kap. 12 jipprovdi li l-gudikati kollha huma konsidrati bhala titolu esekuttivi u jsiru esegwibbli semplicement u purament ghaliex huma "res judicata".

Illi l-ewwel Qorti ppruvat tinterpreta dik is-sentenza minflok ma kkunsidratha kif kienet u kif il-Qorti ippretendiet li kellha tkun.

Fi kliem iehor l-ewwel Qorti ma kellhiex il-vires li tindaga dwar l-operat ta' sentenza ohra ta' l-istess Qorti.

Illi una volta li s-sentenza hija valida ma hemmx raguni ghaliex m'ghandhiex tigi reza esegwibbli skond il-ligi.

Ghalhekk l-appellant talab li s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Frar 2000 tigi revokata u t-talbiet ta' l-appellant jigu milqugha.

**<u>IR-RISPOSTA TA' JOSEPHINE MICALLEF ET</u>**

5. Ir-risposta ghall-appell tghid hekk:-

(i) Illi preliminarjament ir-rikors ta' l-appell huwa null ghaliex il-ligi ma tikkontempla ebda appell minn digriet moghti fi proceduri li saru skond l-Artikolu 258 tal-Kap. 12.

(ii) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz ir-rikors ta' l-appell huwa null ghaliex ma giex intavolat fit-terminu stabbilit.

(iii) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikors ta' l-appell gie notifikat biss lil wahda mill-esponenti.

(iv) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, id-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-2 ta' Frar 2000 huwa gust u jimmerita li jigi kkonfermat:

(i) Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Frar 1990 fil-kawza fl-ismijiet George Grixti vs Crispino Mangion, il-konvenut gie kkundannat li jhallas lill-appellant is-somma ta' elfejn hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm2,527.74) u xejn iktar. Fil-parti dispozittiva tas-sentenza jinghad: "Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, tillikwida d-danni favur l-attur sas-27 ta' Mejju 1998 fis-somma totali ta' elfejn hames mija u sebgha u ghoxrin lira u erbgha u sebghin centezmi (Lm2,527.74c) u tikkundanna l-konvenut li jhallas l-istess ammont lill-attur flimkien ma' l-interessi".

(ii) Illi hija biss din il-parti dispozittiva tas-sentenza li tista' tigi reza ezegwibbli. Tant hu hekk li skond l-Art. 219 tal-Kap. 12 "kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deciziva jew obbligatorja, ghandha tigi mdahhla fid-dispozittiv" tas-sentenza.

(iii) Illi mill-provi rrizulta li din is-somma thallset mill-esponenti bhala l-eredi ta' Crispino Mangion.

(iv) Illi kif jirrizulta mill-parti dispozittiva tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc, il-konvenut kien gie kkundannat ihallas biss is-somma ta' Lm2,527.74 u mhux id-danni li qieghed jippretendi l-appellant. Fil-fatt l-appellant qieghed jippretendi danni li huwa allegatament sofra wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Kummerc. Danni futuri li l-konvenut qatt ma seta' jigi kkundannat ihallas fiz-zmien li nghatat is-sentenza ghaliex sa dak iz-zmien kienu ghadhom lanqas jezistu.

(v) Illi jekk l-appellant ghandu xi pretenzjoni ohra ghal danni allegatament sofferti minnu mid-data tas-sentenza

tal-Qorti tal-Kummerc, huwa ghandu jintavola proceduri *ex novo* fejn jitlob il-likwidazzjoni ta' l-istess bir-rata li giet stabbilita mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza tal-20 ta' Frar 1990. F'din l-eventwalita` jridu jitressqu provi bhala meta l-fond meritu tal-kawza gie ma baqax okkupat. Provi li ma jistghux jitressqu fi proceduri odjerni li fihom qieghed sempliciment jintalab li s-sentenza terga' tigi reza ezegwibbli. Dan ovvjament dejjem b'rizerva ghad-dritt li l-esponenti jressqu provi u jaghtu eccezzjonijiet skond il-ligi bhal preskrizzjoni jew li l-appellant ma hax il-mizuri kollha biex id-danni ma jikbrux (Vol. XLIX.ii.698).

Jekk ikun mod iehor u l-appell jigi milqugh, allura ser ikun ifisser li r-rikorrent qieghed jinghata cekk *in bjank* sabiex jitlob flus kemm irid minghajr ebda kontroll.

Bl-ispejjez kontra l-appellant.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Hu pacifiku li fl-20 ta' Frar 1990 inghatat decizjoni mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet: "George Grixti – vs – Crispino Mangion et" (Citaz. Numru 547/88 MB), u li minnha ma kienx hemm appell, u li <u>fil-parti dizpozittiva</u> ta' l-istess sentenza dik il-Qorti kienet iddecidiet hekk:

"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, tillikwida d-danni favur l-attur sas-27 ta' Mejju 1988 fis-somma totali ta' elfejn hames mija u sebgha u ghoxrin lira u erbgha u sebghin centezmu (Lm2,527.74c) u tikkundanna l-konvenut li jhallas l-istess ammont lill-attur, flimkien ma' l-interessi a scaletta skond id-danni li jirrizultaw maturi, skond il-komputazzjoni tal-Qorti, fid-dati ta' l-ittri ufficjali u mandati spediti kontra l-konvenut, kull meta b'dawn il-mezzi l-interessi, b'hekk, gew annwalment kapitalizzati.

"Billi l-konvenut ma kkonsenjax il-fondi wara s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-1983, irrispettivament mill-ammont koncess lill-attur ghad-danni – l-ispejjez tal-kawza ghandu jhallashom kollha l-konvenut".

7. Jirrizulta wkoll pacifiku li fis-sentenza surreferita (ara fol. 18 tal-process), il-Qorti tal-Kummerc kienet ibbazat il-

likwidazzjoni tad-danni fuq tlett perijodi ta' zmien separati, jigifieri qassmet id-danni fuq tlett perijodi kif gej:-

(a) mis-17 ta' Frar 1984 sas-17 ta' Frar 1988: Lm2385.00.

(b) mis-17 ta' Frar 1988 sas-26 ta' Mejju 1988: Lm140.

u fl-ahharnett,

(c) "Mis-26 ta' Mejju 1988 sad-data li effettivament l-attur jiehu pussess tal-fond numru 77 bir-rata ta' elf u tlett liri (Lm1003) fis-sena – cioe` zewg liri u erbgha u sebghin centezmu kuljum (Lm2.74c), kurrenti – li pero` peress li l-kawza giet prezentata fis-27 ta' Mejju 1988, u kienet ghaddiet gurnata wahda biss – ta' dik il-gurnata – Lm2.74c".

8. Fil-11 ta' Frar 1999, ir-rikorrent appellant ipprezenta rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jirrendi mill-gdid ezekuttiva dik is-sentenza li nghatat kif fuq inghad fl-20 ta' Frar 1990 – u "dan a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 – u dan billi kienu ghaddew aktar minn hames snin mill-gurnata li s-sentenza fuq imsemmija".

9. Fir-rikors tieghu pero` r-rikorrent appellant, bhala premessa, <u>*inter*</u> <u>*alia*</u> espona li gej, u cioe` li l-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha surreferita kienet,
"... illikwidat id-danni dovuti lir-rikorrent ghall-okkupazzjoni indebita tal-fond numru 77, South Street, Valletta bir-rata ta' Lm1003.00 fis-sena u cioe` zewg liri u erbgha u seghin centezmu (Lm2.74c) kuljum mis-26 ta' Mejju 1988 sad-data li effettivament ir-rikorrent jiehu l-pussess ta' l-imsemmi fond li huwa ha fit-30 ta' Settembru 1988 kif skond sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Gunju 1988 moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Chatlani – vs – Grixti" – somma totali ta' ghaxart elef tliet mija tmienja u hamsin lira u tmenin centezmu (Lm10,358.80c)".

10. L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata cahdet it-talba tar-rikorrent George Grixti billi rriteniet
"... illi l-Qorti (tal-Kummerc) ikkundannat lill-konvenut ihallas biss is-somma totali ta' elfejn hames mija u sebgha u ghoxrin lira u erbgha u sebghin centezmu

(Lm2,527.74c), u mhux id-danni li qed jippretendi r-rikorrenti. Illi ghalhekk ghad-danni li qed jitlob ir-rikorrenti _se_ _mai_ jrid jintavola proceduri _ex_ _novo_. Illi din il-Qorti tista' tirrendi biss ezegwibbli dak li hemm fil-parti dizpozittiva ta' din is-sentenza, li fil-kaz odjern mhix qed tintalab li tigi ezegwita dik il-parti, _stante_ li l-partijiet jaqblu li tali _sorte_ kien imhallas".

11. L-aggravju tar-rikorrent appellant huwa essenzjalment dak li, skond hu, l-ewwel Qorti "ippruvat tinterpreta dik is-sentenza minflok ma kkunsidratha kif kienet u kif il-Qorti ppretendiet li kellha tkun". Skond l-appellant, "l-ewwel Qorti ma kellhiex il-_vires_ li tindaga dwar l-operat ta' sentenza ohra ta' l-istess Qorti". Is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc ma gietx appellata. Kienet sentenza valida, jissottometti l-appellant, u kwindi ma kienx hemm raguni ghaliex ma kellhiex tkun reza ezegwibbli skond il-ligi.

12. Il-Qorti, wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet taz-zewg nahat, tibda billi tosserva li inkwantu l-azzjoni tar-rikorrent giet inkwadrata ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 hija tal-fehma li proceduralment l-appellant mexa skond il-ligi. Dan maghdud pero`, din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, tosserva li f'dak li ppremetta l-istess rikorrent appellant fir-rikors promotorju tieghu kien imur _oltre_ dak li hemm kontenut fil-parti dizpozittiva ta' dik is-sentenza. Issa l-Artikolu 219 tal-Kap. 12 jghid kjarament li,
"Kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deciziva jew obbligatorja, ghandha tigi mdahhla fid-dispozittiv".

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ammont effettivament reklamat mir-rikorrent fir-rikors promotorju ma kienx jaghmel parti mill-parti dispozittiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc. Minbarra dan, ghalkemm huwa minnu li dik il-Qorti ffissat id-danni, talvolta dovuti, bir-rata ta' Lm2.74 _per_ _diem_, xorta wahda jibqa' l-fatt li dik il-Qorti ma kentix ikkwantifikat ukoll kemm granet ha l-intimat awtur ta' l-appellati, biex jizgombra mill-fond _de_ _quo_, u dana ghar-raguni ovvja li haga bhal din kienet ghadha ma avveratx ruhha ad eccezzjoni ta' gurnata wahda ( li giet effettivament likwidata mill-Qorti tal-Kummerc).

13. Lanqas ma huwa korrett l-appellant meta jasserixxi li l-ewwel Qorti esprimiet ruhha fis-sens li hu kellu jintavola proceduri *ex novo* peress li ma kienx talab li tigi esegwita l-parti tas-sentenza li kienet tirreferi ghall-fond numru 77. L-ewwel Qorti semplicement qalet li wara li rat il-parti dispozittiva tas-sentenza kien jirrizultalha li l-intimati kellhom ihallsu l-ammont ta' Lm2,527.74 u mhux l-ammont mitlub mir-rikorrent u li "ghalhekk ghad-danni li qed jitlob ir-rikorrent *se mai* jrid jintavola proceduri *ex novo*." Inoltre jirrizulta wkoll kjarament li r-rikorrent, qabel ma ntavola r-rikors promotorju tieghu, kien edott sew mill-fatt li l-kontroparti intimata (l-odjerni appellati) kienu qeghdin jikkontestaw il-fatti li allegatament sehhew wara l-ghoti tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Frar 1990 u, fic-cirkostanzi ghalhekk, certament ma jistax jinghad li dik il-Qorti kienet tassew ipprovdiet ukoll ghal dak li suppost, ossija allegatament, sehh wara li nghatat is-sentenza in konnessjoni ma' l-izgumbrament mill-fond numru 77, Triq Nofsinhar, Valletta. Il-fatt imbaghad li l-appellant halla hames snin jghaddu biex jesegwixxi s-sentenza *de quo*, xejn ma ghen biex dak li kien gia` rez suggett ta' kontestazzjoni gdida, f'daqqa wahda jinbidel f'materja pacifika bis-semplici prezentata ta' rikors ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap. 12. Fi kliem iehor, id-danni pretizi mill-appellant u inkluzi fir-rikors promotorju tieghu graw wara l-ghoti tas-sentenza u s-sentenza tal-Qorti tal-kummerc surreferita tispecifika biss ir-rata *per diem* ta' danni fil-kaz li jkun hemm htiega ta' hlas ta' danni ulterjuri .

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell huwa infondat u ghandu jigi respint.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tar-rikorrent bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------